# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 1322/1994/2 LM**

**Paul Lungaro**

**v.**

**Salvino Lungaro**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell imressaq mill-intimat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat, u laqgħet it-talbiet attriċi billi ordnat lill-intimat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") iħallas lill-attur appellat sebgħa u disgħin elf u tlieta u tmenin

euro u tnejn u tletin ċenteżmi (€97,083.32) bħala danni likwidati dovuti minnu talli biddel is-serratura taċ-ċavetta tal-*canteen* tal-Isptar San Luqa u talli ċaħħad lill-istess appellat milli jieħu sehem fit-tmexxija u l-qligħ tal-istess *canteen*;

2. Fl-att li bih fetaħ il-kawża, l-appellat xela lill-appellant li arbitrarjament żammu milli jibqa' jidħol fil-*canteen* li, flimkien mal-appellant u bħala werrieta ta' ommhom kellhom l-inkwilinat tagħha mingħand il-Gvern, u ċaħħdu milli jieħu sehem fit-tmexxija tagħha u kif ukoll minn kull dħul u qligħ ġenerat mit-tmexxija tagħha. Tenna li, minħabba l-mod kif mexa l-appellant, hu ġarrab danni u għalhekk talab lill-ewwel Qorti ssib lil ħuh l-appellant ħati tad-danni mġarrba, tillikwidahom u tikkundanna lill-appellant biex iħallsu l-ammont hekk likwidat;

3. Illi l-appellant kien laqa' għall-azzjoni attriċi billi ċaħad li l-attur qatt kellu xi sehem fit-tmexxija tal-*canteen* u żied jgħid li jekk l-appellat kellu xi dritt li jidħol fil-post u ma kienx qiegħed iżommu bl-ebda mod milli jagħmel dan;

4. Illi biex waslet għad-deċiżjoni tagħha l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

"***Il-fatti tal-kawża***

*"Illi l-fatti tal-kawża huma dawn: Joseph Lungaro, missier il-kontendenti, kellu b'titolu ta' kera li kien ġej minn kuntratt mal-Gvern tal-1959, il-canteen li kien hemm fid-daħla ewlenija tal-Isptar San Luqa, fi Gwardamangia. Joseph Lungaro miet bla testament fis-17 ta' Jannar, 1969 u ħalla warajh ħamest ulied subien – l-attur Paul, il-konvenut Salvino, Anthony, Emanuel u Michael. Meta miet il-missier, l-attur kellu tnax-il sena. Mal-mewt tal-missier, Salvino u Anthony Lungaro komplew imexxu l-ħanut u kienu jżommu l-qliegħ għalihom. L-attur kien imur jgħinhom u jħallsuh paga.*

*"Illi fil-11 ta' Mejju, 1986 mietet omm il-kontendenti u fl-10 ta' April, 1987 il-Kummissarju tal-Artijiet irrikonoxxa lill-ħamest aħwa bħala ko-inkwilini tal-canteen.*[1] *Fil-1983 l-attur talab li jipparteċipa fil-ġestjoni tal-canteen. Ħuh Salvino wieġbu: "Hawn nies żejda hawn" u l-attur baqa' jitħallas paga biss.*

*"Illi f'Novembru 1993 l-attur reġa' għamel l-istess talba. Anthony Lungaro ma sabx oġġezzjoni għal dan, tant li qallu li wara kollox kellu sehem bi dritt. Salvino Lungaro oġġezzjona, saħansitra permezz ta' ittra legali, u talab somma esaġerata għall-ftit tagħmir li kien hemm fil-canteen. Minkejja dan, l-attur ma baqax aktar bil-paga u daħal fil-ġestjoni tan-negozju tal-canteen, u sar arranġament temporanju bejn it-tlett aħwa, iżda l-arranġament ma ħadimx u l-aħwa bdew jiskambjaw ittri bl-avukati rispettivi tagħhom dwar il-mod kif kellhom jiġġestixxu l-canteen.*

*"Illi Salvino Lungaro allega li f'Novembru 1993 ma kienx sar qliegħ. F'Diċembru 1993 inqalgħet ġlieda bejn l-attur, il-konvenut u iben il-konvenut, billi Salvino Lungaro ppretenda li l-attur ma jidħolx wara l-bank u li iben Salvino kellu jitħallas ta' xogħolu. Wara l-inċident il-konvenut ma resaqx lejn il-canteen li allura beda jiġi ġestit mill-attur u Anthony Lungaro sakemm il-konvenut reġa' lura fl-4 ta' Marzu, 1994 u beda jipprova jipprovoka lil ħutu. L-għada l-konvenut biddel is-serratura u baqa' jiġġestixxi n-negozju waħdu sakemm il-kirja ġiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Artijiet lil terzi fl-10 ta' April, 1996. Sar ftehim li l-attur kellu jmur lura fil-canteen fl-4 ta' April, 1994 iżda l-għada Salvino ħareġ bi proposta b'mod li l-qliegħ kellu jmur favurih u l-familja tiegħu. L-attur ma reġax mar il-canteen.*

"***Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali***

*"Illi m'hemmx dubbju li n-negozju ġestit mill-canteen tal-Isptar San Luqa kien parti mill-assi ereditarji tal-ġenituri taż-żewġ litiganti f'din il-kawża u li dan intiret mill-partijiet kontendenti kif ukoll minn ħuthom l-oħrajn, anke jekk il-ġestjoni tan-negozju kienet immexxija għal żmien twil minn tnejn mill-aħwa biss, mill-konvenut u min ħuh Anthony. Dawn iż-żewġt aħwa kellhom il-jedd li jitħallsu tal-ispejjeż u tal-ħin li ddedikaw għan-negozju,*

[1] A fol. 57 tal-proċess

*iżda mhux ukoll għall-qliegħ kollu, qliegħ li fil-parti l-kbira tiegħu żammew u dawwru għall-benefiċċju esklussiv tagħhom matul medda twila ta' żmien.*

*"Illi komproprjetarju ma jistax jokkupa l-fond komuni u jdawwru għall-benefiċċju esklussiv tiegħu, jew jipperċepixxi l-frottijiet esklussivament hu. Kull komproprjetarju jista' jinqeda bil-ħaġa in komun basta li jinqeda biha skont id-destinazzjoni tagħha kif stabbilita bl-użu u ma jinqediex biha kontra l-interess tal-komunjoni, b'mod li ma jħallix lill-komproprjetarji l-oħra jinqdew biha in komun skont il-jeddijiet tagħhom.*[2,3]

*"Illi ma jidhirx li qatt saret xi rinunzja da parti tal-attur għan-negozju tal-canteen, għalkemm għamel snin twal jaħdem hemm għal paga biss, għalkemm irrinunzja għall-qliegħ li sar sal-5 ta' Diċembru 1993. Dan billi r-rinunzji huma di stretto diritto. Effettivament il-konvenut innifsu aċċetta li l-attur kien żamm id-dritt għal sehmu min-negozju.*

*"B'danakollu l-attur mhux qed jippretendi sehmu mill-qliegħ qabel il-5 ta' Diċembru, 1993, meta l-konvenut kien jiġġestixxi n-negozju flimkien ma' ħuh Anthony. Il-konvenut jallega li huwa ma keċċiex lill-attur, imma kien l-attur li daħal jaħdem għal ġurnata fl-4 ta' April, 1994 u għażel li ma jmurx iktar. L-attur min-naħa tiegħu isostni li ma baqax imur billi l-konvenut immanuvra biex idawwar il-parti l-kbira tal-qliegħ esklussivament għalih.*

*"Huwa ovvju li l-attur u l-konvenut, għalkemm aħwa, ma kinux kapaċi jaħdmu flimkien, u wieħed iwaħħal fl-ieħor għal dan in-nuqqas. Iżda independ-entement minn jekk hux tort tal-attur jew tal-konvenut, għalkemm il-konvenut mexxa n-negozju esklussivament hu fil-perijodu inkwistjoni, l-attur xorta waħda baqa' komproprjetarju fin-negozju u għalhekk xorta waħda kellu l-jedd għal sehemu mill-qliegħ, s'intendi wara li jitnaqqsu l-ispejjeż.*

*"Illi jirriżulta li l-attur kellu sehem ta' 1/10 mis-17 ta' Jannar, 1969, meta miet missieru; sehem ta' 1/5 mill-11 ta' Mejju, 1986 meta mietet ommu; u iktar tard għal 1/3 b'effett minn meta ħutu Michael Lungaro u Emanuel Lungaro iddikjaraw li ma kellhom ebda interess, la fil-ġestjoni passata u lanqas dik futura tal-canteen tal-isptar.*[4]

*"Fl-affidavit tiegħu, l-attur ikkalkula, abbażi tar-records ta' kuljum tan-negozju tal-canteen, li n-negozju kien iħalli profitt nett ta' LM60,000 fis-sena, u għalhekk sehmu ta' terz tul 25 xahar bejn l-4 ta' Marzu, 1994 u t-30 ta' April, 1996 jammonta għal LM41,666.66 ekwivalenti għal €97,083.32. Il-perit tekniku mqabbad mill-Qorti kkalkula li l-qliegħ kien saħanistra iktar minn LM60,000*[5] *billi l-canteen inkwistjoni kellu*

---

[2] L-Artikolu 491 tal-Kodiċi Ċivili

[3] Ara sentenza fl-ismijiet **Paulina Stagno et vs. Carmelo u Frances Bugeja**, Qorti tal-Appell (Inferjuri) (PS) mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 2004.

[4] A fol. 94 u 95 tal-proċess.

[5] Ara a fol. 341 tal-proċess fejn il-perit komputista kkalkula li l-profitti annwali kienu fil-livell ta' LM120,000 fis-sena.

*pożizzjoni kważi-monopolistika fl-uniku sptar tal-gvern li kien hawn f'Malta dak iż-żmien. L-ammont mitlub mill-attur għalhekk żgur li huwa ġġustifikat.*

*"Illi permezz tat-tielet domanda tal-istanza tiegħu, l-attur ma talabx ammont prestabbilit in linea ta' danni iżda talab danni da liquidarsi. B'danakollu permezz ta' affidavit li ppreżenta fi stadju bikri tal-kawża, huwa semma ammont speċifiku li kien qiegħed jippretendi bħala danni.*[6]

*"Illi l-Qrati tagħna segwew il-massima in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatio differatur.*[7] *L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju huwa r-regola u l-oppost huwa l-eċċezzjoni.*[8] *Tiskatta l-eċċezzjoni meta l-likwidazzjoni tkun ġiet dilazzjonata bi ħtija tad-debitur*[9]*. Il-principju li ma jghaddux interessi fejn is-sejħa ma tkunx waħda għall-ħlas ta' ammont likwidu, ċert u determinat japplika wkoll f'sitwazzjonijiet fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirriżulta li tkun waħda valida b'mod li jkun ċar li d-debitur mhux biss ikun ġustifikat li ma jħallasx dak li jkun ġie intimat biex iħallas imma wkoll li jkun diffiċli jekk mhux impossibbli għalih, li jkun jaf x'inhu minnu dovut mingħajr ma ssir investigazzjoni ġudizzjarja fil-kawża.* [10]

*"Applikat il-premess għall-każ tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma illi dak tal-lum mhuwiex każ fejn jista' jingħad li seħħ dewmien kaġun ta' xkiel jew ħtija da parti tal-konvenut li żvija l-kawża mill-kors ordinarju tagħha. Lanqas ma tirriżulta l-prova li l-kontestazzjoni tal-konvenut fir-rigward tat-talbiet attriċi kienet vessatorja jew malizzjuża b'mod li seta' kien hemm lok għall-applikazzjoni tal-massima malitiis non est indulgendum li allura kien jagħti lok għall-varjazzjoni tal-prinċipju in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatio differatur*";

5. Illi l-appellant ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell li ressaq fl-4 ta' April, 2016, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tħassarha billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu jew li tibdilha billi tnaqqas l-ammont likwidat, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat li l-imgħax jibda għaddej mid-data tas-sentenza u mhux minn dakinhar li talab l-appellat;

[6] 27 ta' Ġunju 1996, ara fol. 56.
[7] Ara s-sentenzi Vol.XVIII.II.431; Vol XIX.I.83; Vol. XX.I. 308; Vol XXXVI.I.190.
[8] Ara s-sentenzi **Schembri v. Buhagiar**, Qorti tal-Appell, 28 ta' Frar, 1997 u **Aquilina v. Mamo noe**, Qorti tal-Appell, 19 ta' Novembru, 2001.
[9] Ara Vol.XXXVI.I.181, **Savona pro et noe v. Asphar et**, Appell Ċivili, 23 ta' Ġunju, 1952**.**
[10] **Sarè v. Sammut**, Qorti tal-Appell, 29 ta' Mejju, 1998.

6. Illi permezz ta' Tweġiba mressqa fis-6 ta' Mejju, 2016, l-appellat laqa' billi qal li l-aggravji tal-appellant m'għandhomx mis-sewwa, u s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata għal kollox, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Semgħet it-trattazzjoni mid-difensuri taż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tat-13 ta' April, 2021;

9. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

10. Illi din hija azzjoni ta' danni minħabba għemil abbużiv li bih l-appellant ċaħħad lil ħuh l-appellat milli jibqa' jidħol fi stabbiliment kummerċjali li fih kien jitmexxa negozju li tiegħu huma kienu l-kerrejja. L-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa mill-appellant u laqgħet it-talbiet attriċi billi sabet li l-għemil kien bi ksur tal-liġi u billi kkundannat lill-appellant iħallas lill-appellat somma li hija llikwidat bħala danni mġarrba;

11. Illi l-appellant iqajjem **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata. L-ewwel aggravju huwa li l-ewwel Qorti ma qisetx kif imiss il-provi li tressqu quddiemha u dan wassalha għal konklużjonijiet ħżiena. Bit-tieni aggravju, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti naqset meta straħet bil-għama fuq ir-rapport tal-espert komputista, kif ukoll li kkalkulat ħażin is-sehem li kien jistħoqqlu l-appellat;

12. Illi dwar l-**ewwel aggravju**, l-appellant jgħid li huwa kellu kull dritt jimxi kif mexa mal-appellat , ladarba n-negozju kien mikri lill-aħwa kollha u "għamel dak li għamel sabiex jipproteġi d-dritt li huwa kellu fuq il-ġestjoni tal-canteen u mhux jippriva lill-attur minn sehmu". Itenni li huwa ħadem fl-istabbiliment għal snin twal, u r-responsabbilita` tan-negozju ġarrewha hu u ħuh l-ieħor, Anthony, u l-appellat ma setax jippretendi li ma jagħmel xejn u fl-istess waqt jistenna sehemu mill-qligħ. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset meta ma qisetx dawn il-ħwejjeġ;

13. Illi l-appellat, min-naħa l-oħra, iwarrab b'qawwa dawn l-argumenti u jgħid li l-appellant ma jistax jipproteġi l-interessi tiegħu billi jitfa' taħt saqajh il-jeddijiet tal-inkwilini l-oħrajn, fosthom tiegħu stess. Filwaqt li jfakkar kemm żmien qatta' bħala impjegat mal-appellant fl-imsemmi stabbiliment, itenni li l-provi juru biċ-ċar li l-appellant fl-ebda waqt ma ried iħallih jidħol fit-tmexxija tan-negozju tal-*canteen* flimkien miegħu, u kien biss għaliex bidel fehemtu ħuhom Anthony li l-appellant kontra qalbu

aċċetta dan. Imma, wara ftit taż-żmien u b'ħafna kwestjonijiet, l-appellant reġa' għamel ta' rasu u qaflu 'l barra mit-tmexxija;

14. Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel aggravju jintrabat mal-kwestjoni tal-mod kif l-ewwel Qorti fehmet u fissret il-fatti u l-provi mressqin quddiemha. F'dan ir-rigward, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[11]. Fil-qafas ta' dan il-prinċipju, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-*

[11] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius v. Piju Theuma***

*dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[12];

15. Illi fil-qafas ta' dawn il-parametri li għadhom kemm issemmew, din il-Qorti ssib li, minn eżami tal-atti, jirriżultalha li filwaqt li l-appellant daħal għan-negozju mal-mewt ta' missieru, meta l-appellat kien għadu fuq il-bank tal-iskola, l-istess appellant ippretenda li t-tmexxija tan-negozju tibqa' f'idejh u ħuh l-ieħor (Anthony) biss, u l-appellat jinżamm 'il barra minn dik it-tmexxija. Jirriżultalha wkoll li għalkemm l-appellat minn żmien għal żmien ħadem fl-istabbiliment bħala impjegat ma' ħutu, kien biss bejn Novembru 1993 u Marzu 1994 li, wara li dam jitlob lill-appellant, tħalla jidħol fit-tmexxija tal-*canteen*. Dan l-arranġament ma saddadx għaliex l-appellant reġa' daħal fix-xena u ħa r-riedni f'idejh bil-forza. Ħoloq xkiel fl-aċċess għall-appellat u rnexxielu jbiegħdu mit-tmexxija tan-negozju;

16. Illi l-appellant ma ressaq l-ebda argument tajjeb biex juri kif l-ewwel Qorti kienet wettqet eżerċizzju ħażin ta' kif messha fissret il-fatti li ssemmew. Il-mottiv li l-appellant jgħid li wasslu biex jimxi kif mexa – jiġifieri dak li jħares l-interessi tal-ko-inkwilini fin-negozju komuni tagħhom – ma jibdel xejn mill-ġrajja li seħħew. Għall-kuntrarju, dak il-mottiv huwa kontradett bl-egħmejjel infushom li bihom effettivament żamm lill-appellat u lil ħuh l-ieħor Anthony 'l bogħod mill-*canteen*. Din il-Qorti rat hija wkoll

---

[12] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

l-atti kollha tal-proċess u ssib li l-ewwel Qorti għarfet sewwa x'kien għaddej u x'kienu ċ-ċirkostanzi. Dik il-Qorti kellha wkoll l-għajnuna ta' fehmiet imressqa minn perit legali[13] li fir-rapport mirqum imressaq minnu fela sewwa l-provi kollha – xhieda u dokumenti – mressqin matul is-smigħ tal-każ, u applika għalihom il-prinċipji ta' dritt li jgħoddu għall-każ. Lil hinn mill-argument tal-mottiv li wasslu biex għamel li għamel, l-appellant ma ressaq l-ebda raġuni oħra ġdida quddiem din il-Qorti biex iwassalha titbiegħed mill-apprezzament tal-ewwel Qorti li ma tista' tgħid xejn ħażin fih;

17. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-ewwel aggravju m'għandux mis-sewwa u għaldaqstant ma jistħoqqlux jintlaqa';

18. Illi dwar **it-tieni aggravju,** l-appellant jgħid li r-rapport tal-perit tekniku ma kellux jintlaqa' kif inhu u l-ewwel Qorti messha ikkalibrat mod ieħor l-ammont likwidat. Itenni li huma kienu ħamest (5) aħwa li wirtu l-kirja meta miet missierhom, u l-ewwel Qorti ma messhiex imxiet mal-fehma tal-perit komputista u tqis sehem l-appellat bħala wieħed minn tlieta ($^{1}/_{3}$) minflok wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) kif kellu jkun. Jgħid ukoll li l-perit, fuq nuqqas ta' dokumentazzjoni, ħadem fuq bażi ta' probabilita` u mhux fuq ċifri u tagħrif konkret li juri x'kien id-dħul u l-infieq fit-tmexxija tal-*canteen*. Huwa jgħid li l-ewwel Qorti ma kinitx marbuta li toqgħod għal

[13] Ara rapport legali f'paġġ. 267 sa 281 tal-proċess.

kollox fuq il-fehmiet ta' dak il-perit u setgħet u messha mxiet b'ħaqq biex tasal għal somma xierqa, jekk kemm-il darba kienet tal-fehma li l-appellat kien jistħoqqlu kumpens;

19. Illi l-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li la l-perit legali u l-anqas il-perit tekniku ma ġew eskussi tul il-kawża. Itenni li l-espert tekniku huwa persuna b'esperjenza u ħila kbira f'dan il-qasam, u dan jirriżulta mir-rapport imħejji minnu. Jgħid li għaldaqstant l-ammont li wasal għalih il-perit huwa tajjeb;

20. Illi l-fehmiet ta' periti maħtura minn Qorti jitqiesu bħala aċċertament ta' fatti u għalkemm il-Qorti ma hijiex marbuta li toqgħod fuq dawk il-fehmiet[14], irid ikun hemm raġunijiet tajbin u serji biżżejjed biex titbiegħed minnhom[15]. F'dan il-każ il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni biex tiddubita l-fehmiet u l-kostatazzjonijiet magħmula mill-periti maħtura mill-ewwel Qorti. Sa ċertu punt, jidher li l-appellant kien wasal biex joqgħod fuq il-fehmiet tal-periti ġudizzjarji għaliex għalkemm għall-bidu kien talab li jitħalla jressaqhom b'xhud tiegħu f'eskussjoni[16], naqas li jisħaq fuq din it-talba u li ma tax każ iż-żmien li tatu l-ewwel Qorti[17] u baqa' ma ħa l-ebda interess fil-ħaġa. Meta din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, tara li l-parti

[14] Art. 681 tal-Kap 12
[15] App Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et v. Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389** ); App. Ċiv. **6.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gatt et v. Paul Attard et*** u App. Ċiv. **27.1.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Borġ et v. Dennis Gatt et*** fost bosta oħrajn
[16] Paġġ. 350 – 1 tal-proċess
[17] Ara paġ. 356 tal-proċess

f'kawża li trid tattakka l-fehmiet mogħtijin minn perit ġudizzjarju ma tinqediex bl-għodda li tagħtiha l-liġi biex tagħmel dan, ftit li xejn jibqa' x'wieħed jagħmel biex jiskarta dawk il-fehmiet u jimxi mod ieħor[18];

21. Illi f'dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet tal-appellat dwar l-ammont xieraq li messu jirċievi, l-ewwel Qorti osservat sewwa li l-perit tekniku ħa qies tal-prospett ta' danni ppreżentat mill-appellat[19], u sab li dak li qed jippretendi huwa saħansitra kalkolu konservattiv ħdejn dak li kien jistħoqqlu. Isostni dan b'rappreżentazzjonijiet u b'argumenti[20], li l-Qorti ssib li huma ċari u ta' min joqgħod fuqhom. Hawnhekk ukoll, jgħodd dak li għadu kemm issemma fil-paragrafu ta' qabel dan;

22. Illi dwar is-sehem li bih inqasam il-qligħ likwidat, il-Qorti tqis li jidher li l-appellant nesa xi ċirkostanzi rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża. Huwa minnu li, mal-mewt tal-missier, il-kirja ntirtet mill-omm u mill-ħamest aħwa. Madankollu, fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża, l-omm kienet mietet u, mill-ħamest aħwa, tnejn minnhom – l-aħwa Michael u Emanuel – formalment ċedew il-pretensjonijiet rispettivi tagħhom għal kull interess li seta' kellhom mit-tmexxija u l-qligħ tal-ġestjoni tal-*canteen*[21].

[18] App. Kumm. **7.12.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech v. Farruġia et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.234**)
[19] Ara l-affidavit ta' Paul Lungaro f'paġġ. 54 sa 56 tal-proċess u Dok. "XX1" f'paġ. 150 tal-proċess
[20] Ara Rapport tal-Perit Komputista Patrick Dato Mallia f'paġġ. 291 sa 347 tal-proċess
[21] Ara Dokti "ST1" u "ST2" f'paġġ. 94 u 95 tal-proċess

Għaldaqstant l-ewwel Qorti għamlet sewwa li qieset li l-qligħ kellu jinqasam bejn tlieta u mhux bejn ħamsa min-nies;

23. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li dan it-tieni aggravju wkoll m'għandux mis-sewwa u mhux sejjer jintlaqa';

***Deċide:***

24. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimat Salvino Lungaro mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Marzu, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bħala mhux mistħoqq fil-fatt u lanqas fid-dritt, u qiegħda għalhekk tikkonferma l-imsemmija sentenza għal kollox, **bl-ispejjeż ta' din l-istanza** wkoll jitħallsu mill-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr